MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2790/2002

**JESMOND DALLI**

**VS**

**HENRY U MARIA CONCETTA KONJUGI THAKE,**
**PERIT JOSEPH U ADRIENNE KONJUGI CASSAR,**
**KALABARDI CONSTRUCTION LIMITED.**

It-Tribunal :

Ra l-avviz ta' l-attur Jesmond Dalli pprezenta fil-25 ta' Novembru, 2002, li permezz tieghu talab illi l-konvenuti, jew min minnhom, ghandhom jhallsuh s-somma komplessiva ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300) rappresentanti l-prezz ta' kuntratt ta' appalt konsistenti f' xogholijiet ta' kisi, tikhil u tibjid li sar ghan-nom tal-konvenuti gewwa proprjeta' komuni tal-konvenuti f' Marsascala. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tat-

8 ta’ Novembru, 2002, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta’ l-istess ittra sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta **KALABARDI CONSTRUCTION LIMITED**, datata 6 ta’ Dicembru, 2002, li biha din is-socjeta’ konvenuta eccepiet (**1**) illi hi ma tat l-ebda kuntratt ta’ appalt dwar ix-xoghol allegat u ndikat mill-attur, u/jew tghatu xi nkarigu biex jesegwixxi l-istess, (**2**) illi s-socjeta’ konvenuta mhiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici, (**3**) illi l-attur jaf tajjeb illi fejn u meta gie nkarigat mis-socjeta’ konvenuta, fl-istess proprjeta’ minnu ndikata, huwa thallas minn ghandha, u (**4**) illi ghalhekk it-talbiet attrici inkwantu diretti lejn is-socjeta’ konvenuta ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenuti **Perit Joseph u Adrienne konjugi Cassar** u l-konvenuti **Henry u Maria Concetta konjugi Thake** prezentata fit-8 ta’ Jannar, 2003, li permezz taghha eccipew (**1**) preliminarjament illi mart il-Perit Cassar ma jisimhiex Rita, (**2**) preliminarjament ukoll, in-nisa tal-konvenuti Cassar u Thake ma ghandhomx x’ jaqsmu ma’ dan in-negozju, (**3**) illi l-perit Joe Cassar qatt ma ddelega lill-attur jghamel xogholijiet kwalunkwe, (**4**) illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur irid jiccara x’ appalt qed jirreferi ghalih, jekk dan sarx bil-miktub jew bil-kelma, f’ hiex kienu jikkonsistu dawn ix-xogholijiet, meta gew delegati, meta saru u fejn ezattament saru, (**5**) illi in ogni kaz, u fil-mertu, l-ammont pretiz huwa wiehed eccessiv stante illi x-xogholijiet ma jaqbzux l-ammont ta’ sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650). Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur.

Semgha lix-xhieda kollha bil-gurament, u ra d-dokumenti esebiti.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

**IKKUNSIDRA :**

In linea preliminari, it-Tribunal mhux sejjer jiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata, cioe' li mart il-konvenut il-Perit Cassar ma jisimhiex Rita, dan ghaliex dan l-isem gie koregut u mibdul f'**Adrienne** kif awtorizzat b' digriet tieghu ta' l-20 ta' Mejju, 2003 (fol 41).

In linea preliminari wkoll, it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Cassar u Thake, fis-sens li n-nisa taghhom ma ghandhomx x' jaqsmu mal-kaz, hija, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, eccezzjoni inutili. Il-fatt li dawn gew imharrka bhala konvenuti flimkien ma' zwieghom ma jbiddel xejn mill-obbligi naxxenti mil-ligi. Il-prezunzjoni hija li bejn il-mizzewgin tapplika l-komunjoni ta' l-akkwisti. Ma ngiebet l-ebda prova kontra jew per ezempju li d-dejn ma jifformax parti minn din il-komunjoni. Fic-cirkostanzi l-posizzjoni legali kienet tkun l-istess anke jekk dawn in-nisa tal-konvenuti Cassar u Thake qatt ma gew indikati bhala konvenuti wkoll. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma treggiex u hija michuda.

**IKKUNSIDRA :**

Illi fil-mertu jidher principalment li filwaqt li l-attur Jesmond Dalli harrek bhala konvenuti dawk kollha imsemmija fl-avviz, effettivament il-konvenuti Cassar u s-socjeta' konvenuta Kalabardi Construction Limited qed jeccepixxu li huma ma taw ebda appalt lill-attur ghax-xoghol li tieghu qed jitlob il-hlas tas-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300), ghalkemm jirrizulta li l-istess attur kien precedentement ghamel xi xoghol simili iehor u kien thallas tieghu minghand il-konvenuti imsemmija, bl-eccezzjoni ta' xi Lm75 li allegatament ghadhom dovuti mill-konvenut il-Perit Cassar.

**IKKUNSIDRA :**

Illi fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. Il-konvenuti Henry Thake, il-Perit Cassar u s-socjerta' Kalabardi Construction Limited kellhom ftehim

relatat mal-kostruzzjoni ta' proprjeta' f'Wied il-Ghajn li originarjament kienet propjeta tal-konvenuti Thake. Jirrizulta, kif intqal, li dawn kienu gja' taw xi xoghol ta' tikhil, kisi u tibjid lill-attur f' din il-proprjeta' u hallsuh taghha.

2. Il-konvenut Henry Thake ftiehem ma' l-attur sabiex dan jaghmel xi xoghol fil-partijiet komuni tal-bini [fejn hemm il-garaxxijiet]. Fil-fatt l-attur xehed:- *"il-hlas li qed nitlob f'dawn il-proceduri kien qabbadni naghmlu l-konvenut Thake"* [fol. 28].

3. Il-prezz pattwit kien ta' elf u tlett mitt lira Maltija (Lm1,300). Carmelo Cortis xehed [fol. 56]:- *"kien wara li tlesta x-xoghol li jiena smajt l-ewwel darba bis-somma ta' elf u tlett mitt lira minghand Thake. Huwa minnu pero' li Thake qal lili u kif ukoll lil Perit, u kien hemm presenti Jesmond Dalli, illi ma' Dalli kien ftiehem is-somma ta' elf u tlett mitt lira"*. L-istess xehed il-PL Victor Bugeja fis-seduta tas-27 ta' Frar 2003 li kien iltaqa' mal-konvenut Thake qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni. Min-naha tieghu l-konvenut Thake xehed:- *"jiena tlabtu stima. Dana qalli: elf u tlett mitt lira. Jiena ghamiltha cara lil Dalli li ma kontz ha nhallsu jien, imma l-perit u l-kuntrattur. Il-prezz ftehmnih. Jigifieri kien ta' elf u tlett mitt lira"* [fol. 35].

Mill-provi jirrizulta li kien il-konvenut Thake biss li ha l-inkarigu u responsabilita' fuq spallejh li jqabbad lill-attur ghax-xoghol in kwistjoni. Tant hu hekk li fl-ebda hin ma jirrizulta li kien hemm xi ftehim dwar dan ix-xoghol bejn l-attur u l-konvenuti l-ohra wkoll. Anke ghal dak li jirrigwarda l-prezz tax-xoghol, cioe' l-ammont ta' Lm1,300, dan intlahaq biss bejn l-attur u dan l-imsemmi konvenut meta huma ltaqghu fuq il-post fejn kellu jsir ix-xoghol, u wara li l-attur gie appozitament mitlub mill-konvenut Thake biex jindika l-prezz, li gie accettat mill-konvenut Thake. Ghalkemm il-konvenut Henry Thake fix-xhieda tieghu jghid li kien qal lill-attur sabiex imur ikellem lill-perit Cassar sabiex *"jiehu l-go-ahead minghand il-perit"* (fol. 36), it-Tribunal m'huwiex daqstant propens li jemmen din il-verzjoni in kwantu:-

(a) Fl-ewwel lok xehed li kien hu li wasal fi ftehim mal-attur fuq il-prezz;
(b) Ighid li hu gharraf lill-perit bil-hlas li kien qieghed jippretendi l-attur sabiex jaghmel ix-xogholijiet, u *"il-perit qalli: OK"* [fol. 36]. X'kien allura l-iskop li l-attur jerga' jmur ikellem lill-perit fuq il-prezz [kif qal il-konvenut Thake] gialadarba l-perit Joseph Cassar kien ta l-kunsens tieghu ghall-prezz indikat lilu mill-konvenut Thake ?

Illi l-attur ma jidholx bl-ebda mod fil-ftehim ta' negozju li hemm, jew kien hemm, bejn il-konvenuti kollha. Dik hi biss relazzjoni interna bejnithom li bla ebda mod ma tirrigwarda l-attur. Jekk il-konvenut Henry Thake ihoss li l-konvenuti l-ohra huma responsabbli daqsu jew addirittura li huma biss ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-hlas, allura hu ghandu jaraha maghhom indipendentement mill-azzjoni li ha l-attur kontrih.

Mill-provi jidher li l-perit Cassar u l-kumpannija Kalabardi Construction Ltd qatt ma taw il-kunsens taghhom sabiex isir dak ix-xoghol bil-prezz pattwit bejn l-attur u l-konvenut Thake. Anzi l-provi juru li huma oggezzjonaw mill-ewwel ghall-prezz li kien ftiehem il-konvenut Thake. Illi ma hemm ebda dubju, ghalhekk, li r-responsabilita' u obbligi naxxenti minn dan il-ftehim ta' appalt fir-rigward ta' l-attur, huma biss bejn l-attur u l-konvenut Henry Thake. Il-konvenut Thake ma kellu l-ebda jedd jorbot lill-konvenuti l-ohra minghajr qabel ma jitlob u jinghata l-kunsens taghhom. Jirrizulta anzi li l-konvenut Thake ma kienx awtorizzat biex jikkonkludi negozju ma' l-attur bil-prezz li qiehed jigi reklamat f'dawn il-proceduri.

In vista ta' dan, ghalhekk, it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-**konvenuti il-Perit Joseph u Adrienne konjugi Cassar u mis-socjeta' konvenuta Kalabardi Construction Limited**, fis-sens li dawn qatt ma kienu taw jew iddelegaw kuntratt ta' appalt lill-attur dwar ix-xoghol li tieghu qed jitlob il-hlas tas-somma ta' Lm1,300. In vista ta' dan, ghalhekk, it-Tribunal mhux sejjer jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoniojiet l-ohra ta' dawn l-imsemmija konvenuti l-ghaliex issa dawn huma superfluwi u sorvolati.

Dwar il-**konvenuti Henry u Maria Concetta konjugi Thake**, in vista ta' dak li gja' ntqal qabel, it-Tribunal ma ghandu ebda ezitazzjoni jghid li t-talba attrici ghalhekk hija wahda fondata. Barra minn hekk, u sa fejn jikkoncenra lil dawn il-konvenuti, dwar il-prezz ta' Lm1,300, jirrizulta li dan kien il-prezz li effettivament gie miftiehem bejn l-attur u il-konvenut Thake u, ghalhekk dan il-fatt jinsab sodisfacentement ippruvat ukoll.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur Jesmond Dalli limitatament fil-konfront tal-konvenuti l-konjugi Thake, u, kwindi, qed jikkundanna dawn l-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-attur imsemmi l-ammont ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300) rappresentanti il-prezz ta' kuntratt ta' appalt milhuq bejn l-istess attur u l-konvenut Henry Thake, konsistenti f' xoghol ta' kisi, tikhil u tibjid li sar f' proprjeta' f' Wied il-Ghajn. Bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez tal-konvenuti Cassar u Kalabardi Construction Limited huma ghak-karigu ta' l-attur filwaqt li dawk ta' l-atturi huma ghak-karigu tal-konvenuti Thake.

Salv u mpregudikat kull dritt li l-konvenuti Thake ghandhom fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------